**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' Ottubru, 2016**

Numru 56

**Rikors Guramentat Nru. 412/2016**

**Capiferri Limited**
**vs**

**Kenneth Konrad Mallia Milanes u**
**Lisa Ann Mallia Milanes**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-25 ta' Mejju 2016 li jghid hekk:

1. Illi fis-sajf tas-sena 2013, l-intimat Kenneth Mallia Milanes waqt li l-istess intimat kien mizzeweg mal-intimata l-ohra Lisa Ann Mallia Milanes, avvicina lis-socjeta attrici ghall-assistenza sabiex tiffacilitalu l-armar tal-hanut bin-numru 66, bl-isem 'Chloe Corner Store', Triq id-Dolmen, Marsascala, liema hanut kien mikri lill-istess intimat minn terzi: Dan l-armar li jikkonsisti f'diversi oggetti inkluz apparat u makkinarju kien necessarju sabiex iservi biex ighammar jew iforni l-fond hekk mikri lilhom.

2. Illi b'hekk s-socjeta esponenti xtrat f'isimha stess l-armar hekk maghzul mill-istess intimat Kenneth Mallia Milanes u kriet l-istess lill-istess intimat ghal zmien hames (5) snin "di fermo" u dana bi skrittura datata 24 ta' Lulju 2013, kopja Dok. 1.

3. Illi dina l-kirja bdiet b'effett mid-data tal-iskrittura u ghalhekk mill-24 ta' Lulju 2013 u saret ghal perjodu ta' hames snin di fermo u bil-kera ta' erbat elef u tliet mitt ewro (€4,300.00) fis-sena pagabbli flimkien mal-VAT relattiv kull xahar bil-quddiem bir-rata dejjem l-istess ta' tliet mija tmienja u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€358.33) u l-VAT relattiv u cjoe b'kollox erba' mija tnejn u ghoxrin ewro tlieta u tmenin centezmu (€422.83) fix-xahar.

4. Matul iz-zmien 24 ta' Lulju 2013 sa Mejju 2016, lahqu hargu tliet (3) fiscal invoices cjoe wahda bin-numru Cap 2092 ghall-perjodu 24/7/13 sat-23/7/2014, ohra bin-numru Cap 2201 ghal 24/7/2014 sat-23/7/2015 u l-ahhar bin-numru Cap 2245 ghaz-zmien 24/7/2015 sat-23/7/2016 (kopji Dok. 2, Dok. 3, u Dok. 4, rispettivament). Dawn flimkien jammontaw ghas-somma ta' tnax-il elf disa' mitt ewro (€12,900) u l-VAT relattiv u cioe b'kollox hmistax-il elf mitejn u tnejn u ghoxrin ewro (€15,222).

5. Minn dawn l-ammonti l-intimati hallsu biss is-somma kumplessiva ta' tlett elef tmien mija tmienja u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€3,858.33) (kopji Dok. 5, Dok. 6, Dok. 7, u Dok. 8, rispettivament) u b'hekk baqa' bilanc ta' ghaxart elef tmien mija tlieta u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€10,863.67). Din is-somma hija cert, likwidu u dovut.

6. Illi minkejja hafna interpellanzi bil-fomm u laqghat mal-intimat u assikurazzjonijiet tieghu, l-intimati baqghu lura fil-hlasijiet mensili.

7. Fit-18 ta' Marzu 2016 ir-rapprezentant tas-socjeta skopra li l-intimati gew zgumbrati mill-hanut imsemmi u dana wara decizjoni numru 15/2015 tal-Bord li Jirregola l-Kera moghtija fl-1 ta' Frar, 2016 fl-ismijiet "Mary Grace Muscat (K.I. 41856M) vs Kenneth Konrad Mallia Milanes u martu Lisa Ann Mallia Milanes", kopja Dok. 9.

8. IIli minnufih s-socjeta baghtet email, kopja Dok. 10, liz-zewg intimati.

9. Ai termini tal-istess ftehim (art. 11.2) meta jiskatta exceptional termination, is-somma bilancjali tal-kirja "di fermo" jigi dovut minnufih mill-intimati lis-socjeta attrici ukoll bhala ammont cert, likwidu u dovut. B'hekk flimkien mal-arretrati fuq indikati, l-intimati ghandhom ihallsu somma ohra cert, likwidu u dovut ta' ghaxart elef mija tmienja u erghin ewro (€10,148).

10. Illi ghalhekk b'kollox l-intimati ghandhom ihallsu s-somrna kumplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf u hdax-il ewro u sebgha u sittin centezmu (€21,011.67), liema somma hija cert, likwidu u dovut.

11. Dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghall-ammonti ohra li ghad jigu dovuti minn l-intimati in konnessjoni mal-istivar (storage expenses) ai sensi tal-artikolu 12.1, 12.2 u 12.3 tal-istess ftehim

12. Di piu jidher car li b'ghemilhom l-intimati ipperikolaw il-hlas tal-kera dovuta lis-socjeta attrici u ipperikolaw id-drittijiet propjetarji tas-socjeta attrici fuq l-istess armar u dana anki ai sensi tal-artikolu 11.3 tal-istess ftehim ("For all intents and purposes it is declared that the lessee has today represented himself as financially solvent") tant li gew zgumbrati mill-hanut imsemmi.

13. Illi l-intimati njoraw ghal kollox l-interpellanzi tas-socjeta esponenti sija l-ittra legali tad-9 ta' April 2016, kopja Dok. 11 kif ukoll il-Payment Request Dok. 12.

14. Illi jezistu r-rekwiziti necessarji biex dina l-kawza tigi trattata u deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 167 Kap. 12 u qieghed jigi akkluz affidavit ta' Martin Testaferrata Moroni Viani ghal dan l-iskop bhala Dok. 13.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tordna li l-kawza ghandha tigi trattata u deciza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 Kap. 12.

2. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu s-somma fuq imsemmija ta' €21,011.67.

Bl-ispejjez nkluzi tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment u bl-imghax mid-data ta' kull skadenza kontra l-intimati solidalment bejniethom li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati pero ma dehrux ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 biex jiggustifikaw ruhhom jekk hemm difiza tajba ghall-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Martin Testaferrata Moroni Viani, rapprezentant tas-socjeta attrici fejn bil-gurament tieghu kkonferma li mill-prezentata tar-rikors guramentat ma kien hemm ebda tibdil u l-ammont ghadu kollu dovut;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti solidalment bejniethom jhallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' €21,011.67 (wiehed u ghoxrin elf u hdax-il ewro u sebgha u sittin centezmu), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur